MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 509/2009

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 6605/09 datata 25 ta’ Novembru 2009.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Joseph Galea, kif deskritt fl-istess rikors, wara li ppremetta illi huwa gie notifikat b’ittra ufficjali datata 25 ta’ Novembru 2009 mill-Kummissajru tat-Taxxi Interni sabiex fi zmien ghaxart ijiem jhallas is-somma ta’ hamest elef, tlett mija u tmenin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€5,380.85).

Illi din l-ittra ufficjali intbaghtet a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi t-talba tirrisali mis-sena 1995 u hija preskritta ai termini tal-Ligi abbazi tas-sena preskrizzjoni;

Talab bir-rispett a tenur tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara t-talba ghal hlas maghmula fl-ittra ufficjali datata 25 ta' Novembru 2009 bhala wahda nfondata u ghandha tigi michuda stante li hija preskritta.

Ra l-istess ittra ufficjali involuta a fol 2 tal-atti kif ukoll id-dikjarazjoni guramentata skond il-ligi a fol 4 et seq ibid.

Rat id-digriet Taghha preliminari a fol 6 ibid.

Rat in-nota presentata mill-intimat 'seduta stante' fil-11 ta' Jannar 2010 (fol 9 ibid) u li biha l-istess intimat ceda l-pretensjoni tieghu fl-ittra ufficjali in esami u ammetta l-kawza fl-ismijiet u minn hawn fuq premess stante preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2010 (fol 13 ibid) u a bazi ta' dak kontenut fin-nota hawn fuq imsemmija, din id-decizjoni hi ristretta, biss, ghall-kap tal-ispejjes in konnessjoni ma dawn il-proceduri u dwar dan jidher evidenti dejjem fuq dak premess u dikjarat fl-istess nota illi l-ispejjes ghandhom jithallsu mill-intimat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tar-rikors in esami, tordna li l-ispejjes kollha jithallsu mill-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------